# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 2 ta' Novembru, 2001 .**

**Citazzjoni numru : 79/81G1(PC)**

**Mario Farrugia,**
**Louis Farrugia, u**
**Philip Farrugia, u b'degriet tat-23 ta' April, 1996, il-gudizzju gie trasfuz f'isem Salvatore sive Sammy, Joseph, Pauline mart George Grech, Frank, Mark, Maryanne mart Michael Zammit, Paul u George, minflok Philip Farrugia li miet fil-morti tal-kawza .**

**vs**

**Maria mart Giuseppe Sultana, u**
**Regina Farrugia .**

**Il-Qorti ,**

**Rat ic-Citazzjoni li permezz taghha l-atturi, wara li ppremettew :**

**Illi fit-8 ta' Marzu, tas-sena elf disa' mija u sitta usebghin (1976), miet fi Craig Hospital Victoria, Saviour Farrugia (Dok A), missier il-kontendenti minghajr testment ufit-30 ta' Mejju, tas-sena elf disa' mija u disgha u sebghin (1979) mietet fl-Gharb, Ghawdex, Josephine mart l-imsemmi Saviour Farrugia, omm il-kontendenti (Dok B), minghajr testment .**

**Illi l-konjugi Farrugia hallew diversi beni mobbli u mmobbli li jinsabu posseduti mill-ahwa Farrugia l-kontendenti pro indiviso bejniethom, skond ma jigu dettaljatament pruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza .**

**Illi l-atturi ma jridux jibqghu aktar fi stat ta' kommunjoni fil-beni posseduti "pro indiviso" u li wara l-ittra ufficjali tas-sittax (16) ta' Gunju, tas-sena korrenti (1981) il-konvenuti naqsu milli jaddivjenu ghall-likwidazzjoni u divizjoni tal-eredita' tal-mejtin genituri taghhom .**

**Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti :**

1. **Tillikwida l-kommunjoni tal-akkwisti gia ezistenti bejn il-konjugi Saviour u Josephine Farrugia billi tiddikjara li jikkonsistu f'dawk il-beni mobbli u mmobbli li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza .**

2. **Taqsam l-istess kommunjoni tal-akkwisti f'zewg porzjonijiet ugwali u tassenjahom porzjoni lill-assi partikulari tal-mejjet Saviour Farrugia u l-ohra lill-assi partikulari ta' Josephine Farrugia .**

3. **Tillikwida l-assi partikolari tal-mejjet Saviour Farrugia billi tiddikjara li jikkonsistu f'nofs il-komunjoni tal-akkwisti hekk likwidati u f'dawk il-beni l-ohra li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza .**

4. **Tillikwida l-assi partikolari tal-mejta Josephine Farrugia billi tiddikjara li jikkonsistu fin-nofs tal-kommunjoni tal-akkwisti hekk likwidati u f'dawk il-beni l-ohrajn kollha li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza .**

5. **Taqsam l-assi partikolari tal-mejjet Saviour Farrugia f'hames (5) porzjonijiet ugwali u tassenjahom wahda lil kull wiehed u wahda mill-kontendenti .**

6. **Taqsam l-assi partikolari tal-mejta Josephine Farrugia f'hames porzjonijiet ugwali u tassenjahom wahda lil kull wiehed u wahda mill-kontendenti .**

7. **Tinnomina nutar pubbliku sabiex jippubblika l-att ta' divizjoni ghad-data hin u lok li ghandhom jigu prefissi u tinnomina kuraturi ghall-eventwali kontumaci sabiex jidhru fuq l-att .**

**Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-sittax (16) ta' Gunju, 1981 kollha kontra l-konvenuti li jibqghu minn issa mharrka ghas-subizzjoni .**

**Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi kkonfermata bil-gurament taghhom .**

**Rat in-nota ta' l-eccezzonijiet tal-konvenuta Regina Farrugia li eccepiet :**

**1. Illi hija ma topponix li jsiru l-likwidazzjonijiet u divizjonijiet mitluba fic-citazzjoni basta pero' li fl-ewwel lok issir il-verifika tal-kwoti u anki dik rigwardanti l-konsistenza tal-assi in divizjoni .**

**Salvi eccezzjonijiet ohra .**

**Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuta kkonfermata bil-gurament taghha .**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Maria Sultana li eccepiet:**

1. **Illi hija ma hix kuntrarja ghad-divizjoni basta jsiru l-verifiki u l-valutazzjonijiet mehtiega tal-beni in divizjoni .**

2. **Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .**

**Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuta minnha mahlufa .**

**Rat id-digriet taghha tat-22 ta' Jannar 1982 fejn l-avukat Dottor Paul Coppini gie nominat bhala perit legali f'din il-kawza bl-assistenza ta' l-A.I.C. Teddie Busuttil bhala espert tekniku .**

**Rat il-verbali tax-xhieda mismugha mill-istess perit legali, li pero' baqa' qatt ma rrelata .**

**Rat ir-relazzjoni teknika ta' l-A.I.C.Teddie Busuttil pprezentata fil-5 ta' Jannar 1999 u mahlufa fid-9 ta' Gunju 1999, bil-pjanti annessi .**

**Rat ir-relazzjoni addizzjonali ta' l-istess perit pprezentata fit-22 ta' Settembru 1999 u mahlufa fil-5 ta' Ottubru 1999, bil-pjanta annessa .**

**Rat it-tieni relazzjoni addizzjonali ta' l-espert taghha pprezentata fl-14 ta' Novembru 2000 u mahlufa fil-21 ta' Dicembru 2000 .**

**Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi d-dokumenti esebiti .**

**Ikkunsidrat :**

**Illi din hija kawza ta' divizjoni ta' l-ereditajiet ta' Saviour u Josephine konjugi Farrugia, li kienu l-genituri jew nanniet tal-kontendenti .**

**It-tnejn mietu ntestati u hallew jissopravivuhom lill-hames uliedhom u cioe' l-atturi, Philip, Mario, Louis ahwa Farrugia u l-konvenuti : Maria mart Joseph Sultana u Regina xebba Farrugia . L-attur Philip Farrugia miet fil-mori tal-kawza, u l-gudizzju tieghu b'digiret ta' din il-Qorti tat-23 ta' April 1996 gie trasfuz fuq it-tmien uliedu; Sammy, Joseph, Pauline mart George Grech, Frank, Mark, Marianne mart Michael Zammit, Paul u George . L-assi appartenenti l-ereditajiet tal-konjugi Saviour u Josephine Farrugia irid ghalhekk jinqasam f'hames porzjonijiet ugwali, bl-ahwa Farrugia ulied Philip jirtu 'per stirpes' in rapprezentanza ta' missierhom mejjet .**

**L-assi in divizjoni jirrizultaw li huma s-segwenti :**

**A. Beni mmobbli :**

**(i) il-fond bin-numru tletin (30) Triq ta' l-Ghajn, Fontana, prezentement okkupat mill-familja ta' Philip Farrugia, stmat mill-perit tekniku tal-valur ta' wiehed u erbghin elf u hames mitt lira maltija (Lm41,500) ;**

**(ii) il-fond bin-numru tnejn u tletin (32) Triq ta' l-Ghajn, Fontana, fil-pussess ta' Mario Farrugia, stmat erbgha u tletin elf u hames mitt lira maltija (Lm34,500) ;**

**(iii) il-fond bin-numru sitta u hamsin (56) Triq il-Knisja, Gharb, okkupat mill-konvenuta Regina Farrugia, stmat hamsa u hamsin elf lira maltija (Lm55,000) ;**

**(iv) il-fond bla numru maghruf bl-isem "Maria Giuseppi", fi Triq il-Knisja, Gharb, okkupat mill-familja tal-konvenuta Maria Sultana, stmat tmienja u erbghin elf lira maltija (Lm48,000); l-istess konvenuta tikkontendi li hija u zewgha ghamlu diversi spejjez f'dan il-fond, u infatti esebew diversi ricevuti (dokti. PP. 1 sa PP. 27) sabiex jikkorroboraw din il-pretensjoni taghhom . Dawn l-ispejjez lahqu s-somma ta' elf tliet mija seba' u ghoxrin lira maltija (Lm1327), li ma gewx kontestati mill-kontendenti l-ohra u li l-Qorti thoss li huma ripettibbli .**

**(v) bicca raba, msejjha "ic-Cnus" limiti ta' San Lawrenz, tkejjel 780 metri kwadri, stmata erba' mija u ghoxrin lira maltija (Lm420) ;**

**(vi) bicca raba' msejjha "Menqa ta' Kurrat" limiti ta' San Lawrenz, tkejjel 3683 metri kwadri stmata elf disa' mija u sebghin lira maltija (Lm1970) ;**

**(vii) bicca raba' msejjha "is-Srug" limiti taz-Zebbug, tkejjel 2135 metri kwadri, stmata elf hames mija u ghoxrin lira maltija (Lm1520) :**

**(viii) bicca raba msejjha "is-Srug", limiti taz-Zebbug, tkejjel 1167 metri kwadri u stmata tmien mija u tletin lira maltija (Lm830) ;**

**(ix) tlieta minn sebgha (3/7) partijiet indivizi provenjenti l-assi parafernali ta' Saviour Farrugia, mill-wirt tal-genituri tieghu u ta' hutu Francesco u Maria Antonia xebba Farrugia minn dawn il-beni :**

**(a) fond numru disgha u sebghin (79) Triq ta' l-Ghajn, Fontana; stmat dan is-sehem: tliet elef erba' mija tmienja u ghoxrin lira maltija (Lm3428) ;**

**(b) fond bla numru fi sqaq li tidhol ghalieh minn Triq ta' l-Ghajn, Fontana; stmat dan is-sehem: sitt elf mitejn u ebatax il-lira maltija (Lm6214) ;**

**(c) fond numru 231 Triq ta' l-Ghajn, Fontana; il-perit tekniku jaghti zewg stejjem ta' dan il-fond, wahda minghajr servitu' ta' passagg u l-ohra kif soggett ghall-passagg a favur tal-fond deskritt fil-paragrafu precedenti; dwar din il-kwistjoni hadd ma gab ebda provi, u ghalhekk billi l-perit jghid fir-relazzjoni tieghu illi huwa utilizza dan il-passagg biex acceda ghall-fond imsemmi, ghall-iskop ta' din id-divizjoni ser tittiehed l-istima l-baxxa li tirreferi ghall-fond kif soggett ghall-passagg, u cioe' elf u tmien mitt lira maltija (Lm1800) .**

**B. Beni Mobbli :**

**(i) Josephine Farrugia rrizulta li kellha s-somma ta' elfejn lira sterlina (stg. 2000) depozitata mad-Dipartiment tan-National Savings fir-Renju Unit (Dok. CG2) . Dan id-depozitu jrid jigi zbankat sabiex ir-rikavat, flimkien ma' l-interessi akkumulati, li ma jidhirx li qatt gew zbankati mill-mewt tad-decujus, ghandhom imbaghad jitqassmu bejn il-kontendenti, skond is-sehem rispettiv taghhom ;**

**(ii) Peress illi l-konjugi Farrugia mietu t-tnejn intestati, ghandha ssir kollazzjoni mill-attur Louis Farrugia (artikolu 913 tal-kap. 16), fl-ammont li rrizulta li gie donat lilu minghand missieru fl-okkazzjoni ta' meta xtralu d-dar tieghu fi Triq Gio Maria Camilleri, l-Gharb (Dok. P. 15) . Fuq il-kuntratt relattiv jidher illi kienu thallsu elf u mitt lira (Lm1100) bhala prezz ta' dan il-post . Imma l-konvenuta Maria Sultana xehdet illi tiftakar lil missierha jghid li kien hallas tliet elef lira maltija (Lm3000) . Il-Qorti jidhrilha illi din ta' l-ahhar hija somma aktar verosimili ghall-prezzijiet korrenti ghal djar simili f'dik l-epoka ta' l-elf disa' mija u tlieta u sebghin (1973) meta sar dan ix-xiri . Jirrizulta inoltre mill-att relattiv illi l-istess Louis Farrugia kien akkwista wkoll kreditu ta' seba' mitt lira (Lm700) li l-venditur kellu kontra terzi . Billi dik il-habta l-ahwa Farrugia ma kellhomx mezzi indipendenti taghhom, ghax kif xehdu bosta drabi, "kollox kien borma wahda", m'hemmx dubbju illi dawn il-flus kien harighom ukoll missieru . B'hekk jigi illi Louis Farrugia irid jikkollazzjona a favur ta' l-eredita' tal-genituri tieghu s-somma totali ta' tliet elf u seba' mitt lira maltija (Lm3700) .**

**Ghall-qasma suppost li kien hemm ukoll l-ghamara ezistenti fid-dar fejn kienu jirrisjedu l-konjugi Farrugia qabel ma mietu, u cioe' fil-fond 56, Triq il-Knisja, l-Gharb . Il-perit legali wara li kien acceda gewwa dan il-fond, ghamel lista deskrittiva ta' l-oggetti ta' ghamara li sab f'dan il-fond, pero' din l-ghamara minhabba diversi diffikultajiet li qalghet il-konvenuta Regina Farrugia li tabita f'dan il-fond, baqghet qatt ma giet stmata u ghalhekk ma tistghax issir il-qasma taghha fil-kawza prezenti . L-istess ghall-oggetti tad-deheb li l-kontendenti l-ohra jallegaw li d-decujus kellhom fid-dar taghhom . Baqghet qatt ma ngiebet ebda prova dwar l-ezistenza taghhom u ghalhekk f'dan ir-rigward ta' l-ghamara u l-oggetti tad-deheb il-Qorti ser thalli l-pretensjoni tal-kontendenti mpregudikata 'si et quetenus' .**

**Saru bosta pretensjonijiet ohra mill-kontendenti dwar krediti li suppost kellu a favur tieghu d-decujus Saviour Farrugia fl-epoka tal-mewt tieghu . Tressqu diversi xhieda li d-decujus kellu negozju maghhom, imma dawn kollha stqarru li kienu ssaldaw d-djun kollha li kellhom mieghu, jew li kienu hallsu l-uliedu s-subien wara mewtu . F'dan ir-rigward Mario Farrugia stqarr illi xi flus li huwa kien ircieva wara l-mewt ta' missieru kien utilizzahom sabiex thallset it-taxxa tas-successjoni tieghu . Il-konvenuta Maria Sultana allegat ukoll li kien hemm xi borza b'hafna flus kontanti fiha gewwa d-dar tal-genituri taghha . Ghalkemm tistqarr li gieli rat din il-borza, ma kienitx f'posizzjoni tghid kemm suppost kellha flus go fiha . Billi ma dana kollu baqghu ma tressqu ebda provi konkreti dwar xi krediti jew flus ohra li suppost kienu jappartjenu l-assi tal-konjugi Farrugia, il-Qorti ma tista' tiehu ebda konjizzjoni ulterjuri ta' tali pretensjonijiet .**

**Jonqos ghalhekk illi ssir d-divizjoni u assenjazzjoni tal-beni pposeduti in komun bejn il-kontendenti . Irrizulta illi f'beni mmobbli l-konjugi Farrugia hallew proprjeta' li giet stmata mill-perit tekniku fis-somma totali ta' mija hamsa u disghin elf, mija tnejn u tmenin lira maltija (Lm195,182) . Billi dawn l-assi ereditarji jridu jinqasmu f'hames (5) kwoti ugwali, jigi li kull cipp imissu disgha u tletin elf u sitta u tletin liri maltin (Lm39,036) .**

ASSENJAZZJONI ;

**Inkluzi f'din il-qasma, kif rajna, hemm erba' fondi residenzjali li jinsabu okkupati mid-diversi kontendenti . Louis Farrugia, kif gia nghad, mhux qed jokkupa wiehed minn dawn il-fondi, peress illi missieru kien tah il-flus biex xtara l-fond residenzjali tieghu f'ismu stess . Huwa opportun ghalhekk illi sabiex lanqas ma tigi disturbata s-sitwazzjoni attwali, lill-hutu l-ohra ghandhom jigu assenjati l-fondi residenzjali li ilhom okkupati minhom minn qabel ma giet istitwita l-kawza prezenti ghoxrin sena ilu . B'dan il-mod jigi illi :**

**(i) it-tfal ta' Philip Farrugia ghandhom jiehdu bejniethom id-dar numru tletin (30) Triq ta' l-Ghajn, Fontana (stmata Lm41,500) ;**

**(ii) Mario Farrugia jiehu d-dar numru tnejn u tletin (32) Triq ta' l-Ghajn, Fontana (stmata Lm34,500) ;**

**(iii) Regina Farugia tiehu d-dar numru sitta u hamsin (56) Triq il-Knisja, l-Gharb, (stmata Lm55,000) ; u**

**(iv) Maria Sultana tiehu d-dar "Maria Giuseppi", Triq il-Knisja, l-Gharb, (stmata Lm48,000) .**

**Lill-attur Louis Farrugia ghandhom jigu assenjati l-beni l-ohra mmobiljarji ndikati hawn fuq, u cioe' l-erba' bicciet raba u l-ishma provenjenti mill-wirt ta' missieru mill-proprjetajiet tat-Triq ta' l-**

**Ghajn, b'valur totali ta' sittax il-elf mija u tnejn u tmenin lira maltija (Lm16,182) .**

EKWIPARAZZJONI

**Billi l-proprjetajiet kif gew assenjati lill-kondividenti huwa ta' valuri inugwali, ghandha ssir ekwiparazzjoni sabiex kulhadd jigi li jkun ha ndaqs . Gia nghad illi kull cipp immisha proprjeta' immobbli tal-valur ta' disa' u tletin elf u sitta u tletin lira maltija (Lm39,036) . Ghaldaqstant billi :**

**(i) il-proprjeta' li giet assenjata lill-ahwa Farrugia, ulied l-attur Philip giet stmata Lm41,500, dawn iridu johorgu bhala ekwiparazzjoni favur l-eredita' s-somma ta' elfejn, erba' mija erbgha u sittin lira maltija (Lm2464) ;**
**(ii) il-proprjeta' li giet assenjata lill-attur Mario Farrugia giet stmata Lm34,500, dan ghandu jiehu bhala ekwiparazzjoni erbat elef hames mija sitta u tletin lira maltija (Lm4536) ;**

**(iii) il-proprjeta' li giet assenjata lill-konvenuta Regina Farrugia giet stmata Lm55,000, din trid tohrog bhala ekwiparazzjoni hmistax-il elf disa' mija erbgha u sittin lira maltija (Lm15,964) ;**

**(iv) il-proprjeta' li giet assenjata lill-konvenuta Maria Sultana giet stmata Lm48,000, din trid tohrog bhala ekwiparazzjoni s-somma ta' tmint elef disa' mija erbgha u sittin lira maltija (Lm8964) ;**

**(v) il-proprjetajiet li gew assenjati lill-attur Louis Farrugia gew stmati f'total ta' Lm16182, u ghalhekk huwa ghandu jdahhal bhala ekwiparazzjoni s-somma ta' tnejn u ghoxrin elf tmien mija erbgha u hamsin lira maltija (Lm22,854) .**

**L-ereditajiet tad-decujus konjugi Farrugia kif irrizulta aktar 'l fuq, ghandhom kreditu ta' tliet elf u seba' mitt lira maltija (Lm3700) li jridu jigu kollazzjonati mill-attur Louis Farrugia . Ghalhekk l-istess Louis Farrugia ghandu jirrifondi lil kull wiehed minn hutu l-ohra u t-tfal ta' huh Philip kwint (1/5) ta' din is-somma u cioe' seba' mija u erbghin lira maltija (Lm740) .**

**Minn naha l-ohra l-konvenuta Maria Sultana, kif inghad ukoll hawn fuq, ghandha kreditu kontra l-ereditajiet ghall-flus li nefqet biex irrangat il-post okkupat minnha fl-Gharb . Is-somma stabilita tlahhaq l-ammont ta' elf tlett mija sebgha u ghoxrin lira maltija (Lm1327) . Il-kontendenti l-ohra ghalhekk iridu jirrifondulha kwint (1/5) kull cipp, u cioe': mitejn hamsa u sittin lira maltija u erbghin centezmu (Lm265.40) .**

**BENI MOBBLI**

**Irrizulta fic-cert li hemm ghall-qasma l-flus depozitati fin-National Savings . Dan id-depozitu fl-ammont ta' elfejn lira sterlina (*ƒ* 2000) bl-imghaxijiet akkumulati, ghandhom jigu zbankati, u r-rikavat jinqasam ugwalment f'hames (5) cippijiet bejn il-kontendenti .**

**Ghaldaqstant tiddecidi dwar it-talbiet bil-mod segwenti :**

**(i) tiddikjara illi l-assi in divizjoni formanti parti l-ereditajiet tal-konjugi Saviour u Josephine Farrugia huma dawk il-beni immobbli u mobbli ndikati u deskritti aktar 'il fuq f'din is-sentenza ;**

**(ii) billi jezistu bizzejjed beni mmobbli minn fejn kull wiehed mill-kondividenti jista' jiehu sehmu fi proprejta', tordna illi din id-divizjoni ghandha ssir per assenjazzjoni ;**
**(iii) tassenja lill-kondividenti l-beni kif indikati hawn fuq f'din is-sentenza, bl-ekwiparazzjonijiet dovuti hawnhekk imsemmija ;**

**(iv) tordna ukoll li l-kondividenti jwettqu r-rifuzjonijiet indikati fl-istess sentenza ;**

**(v) tinnomina lin-Nutar Dottor Joanne Cauchi LL.D. sabiex tippubblika l-att opportun fl-ufficcju taghha fil-15 ta' Dicembru, 2001 f'nofsinhar, u lin-nutar Francelle Saliba ghall-eventwali kontumaci.**

**(vi) tordna finalment illi wara li jsir l-izbank opportun, id-depozitu fin-National Savings, bl-imghaxijiet akkumulati, ghandu jigi diviz f'hames kwoti u jinqasam bejn il-kontendenti skond is-sehem rispettiv taghhom .**

**(vi) billi ma saret ebda divizjoni ta' l-ghamara li kellhom fid-dar residenzjali taghhom il-konjugi Farrugia, d-drittijiet fuq l-istess kif ukoll fuq xi dehbijiet li jista' jirrizulta li kien hemm ghall-qasma, jibqghu ghal kollox impregudikati .**

**L-ispejjez, billi din hija kawza ta' divizjoni, ghandhom jigu ssoportati bejn il-kontendenti, kulhadd skond is-sehem spettanti lilu .**

**(ft) Paul Coppini**
**Magistrat**
**(ft) Francis Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Deputat Registratur**
S7981Pc
2800

**Din is-sentenza hija korretta b'degriet tal-11 ta' Dicembru, 2001 fuq rikors konguntiv tal-partijiet tas-7 ta' Dicembru, 2001 hawn annessi u li ghandhom jiffurmaw parti integrali minn din is-sentenza, li jaqra hekk :**

**Fil-Qorti tal-Magistrat**
**(Ghawdex) Superjuri .**

**Citaz. Nru . 79/81 PC**

**Mario Farrugia; Louis Farrugia; u Philip Farrugia u b'degriet tat-23 ta' April, 1996 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Salvatore sive Sammy, Joseph, Pauline mart George Grech, Frank, Mark, Maryanne mart Michael Zammit, Paul u George minflok Philip Farrugia li miet fil-mori tal-kawza.**

**VS**

**Maria mart Giuseppe Sultana; u Regina Farrugia .**

**Rikors tal-kontendenti kollha .**

**Jesponu bir-rispett :**

**Illi fis-sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti fit-2 ta' Novembru, 2001, gie dikjarat illi fost il-beni immobbli komprizi fl-assi tal-genituri taghom hemm tlett settimi indivizi (3/7) mill-fond bla numru fi sqaq li tidhol ghalih minn Triq ta' l-Ghajn, Fontana stmat dan is-sehem LM6214 .**

**Illi in effetti l-kwoata spettanti lill-assi tal-genituri taghhom minn dan il-fond ma hijiet ta' tlett settimi bensi tal-intier .**

**Illi dan jirrizulta mill-kuntratt dok. CG2 (esebit fis-seduta tas-7 ta' Novembru 1989 – fol 129 tat-typescript tax-xhieda quddiem l-allura perit legali) li juri illi missier l-esponenti kien akkwista l-intier ta' dan il-fond .**

**Illi ghaldaqstant jehtieg illi ssir korrezzjoni fid-decizjoni fis-sens illi gej :**

a. **lil Louis Farrugia jigi assenjat l-intier tal-fond bla numru fi sqaq li tidhol ghalih minn Triq tal-Ghajn, Fontana .**
b. **Dan l-intier jigi assenjat bil-valur ta' Lm14,500 illi gie attribwit lilu mill-perit tekniku Teddie Busuttil .**
c. **Konsegwentement il-valur totali ta' assi assenjati lil Louis Farrugia jigi awmentat ghal Lm24468 (erbgha u ghoxrin elf sitt mija u tmienja u sittin lira maltija) ;**

**d. Louis Farrugia ghandu wkoll jikkollazzjona Lm3700 (tlett elef u seba' mitt lira maltija) kif indikat fis-sentenza proprja ;**

**e. Maria Sultana ghandha kreditu ta' LM1327 kontra l-ereditajiet tal-ġenituri taghha ;**

**f. Isegwi ghalhekk illi l-valur komplessiv tal-assi ereditarji (apparti il-beni mobbli konsistenti f'depositi bankarji w oggetti ohra) huwa ta' LM41500 (valur tal-assi assenjat lill-eredi ta' Philip); Lm34,500 (valur assenjat lil Mario); Lm55,000 (Regina Farrugia); LM48,000 (Maria Sultana); Lm24468 u Lm3700 (valur assenjat lil Louis u ammont illi l-istess Louis irid jikkollazzjona), neqsin Lm1327 (kreditu ta' Maria Sultana) ghal total ta' LM205841 (mitejn u hamest elef tmien mija wiehed u erbghin lira maltija) .**

**g. Kull kwota ghalhekk imissha Lm41168.20 (wiehed u erbghin elf mija u tmienja u sittin lira maltija u ghoxrin centezmu) .**

**h. Ghalhekk l-eredi ta' Philip Farrugia ghandhom ihallsu ekwiparazzjoni ta' LM331.80c; Regina Farrugia thallas ekwiparazzjoni ta' LM13831.80c; Maria Sultana thallas ewkiparazzjoni Lm5504.80c (cioe LM6831.80 – Lm1327); Louis irid jircevi Lm13000.20 (tlettax-il elf lira u ghoxrin centezmu), mentri Mario jircevi Lm6668.20c (sitt elef sitt mija tmienja u sittin lira u ghoxrin centezmu) .**

**(ft) Av. Carmelo Galea ghal Maria Sultana .**

**(ft) Av. Alfred Grech ghal ulied Philip Farrugia; Mario Farrugia; Louis Farrugia .**

**(ft) Anton Refalo ghal Regina Farrugia .**

**Rikors ipprezentat illum 7 ta' Dicembru, 2001, minn Maria Sultana.**
**(ft) Anthony Mizzi**
**Deputat Registratur .**

**Degriet .**

**Qorti tal-Magistrati**
**(Ghawdex) Superjuri .**

**Magistrat : Dottor Paul Coppini LL.D.**

**Citazzjoni Numru : 79/91 G1**

**Mario Farrugia et .**

**VS**

**Maria Sultana et .**

**Wara r-rikors tal-kontendenti kollha tas-7 ta' Dicembru, 2001 .**

**Illum 11 ta' Dicembru, 2001 .**

**Il-Qorti ;**

**Rat ir-rikors konguntiv tal-partijiet kollha nvoluti f'din il-kawza ;**

**Billi jirrizulta li t-talba hija gustifikata ;**

**Tilqa' t-talba u tordna l-korrezzjoni ta' din is-sentenza bil-modalitajiet indikati fl-istess rikors .**

**(ft) Paul Coppini**
**Magistrat .**

**(ft) Anthony Mizzi**
**D/Registratur .**

**Kopja Vera**

**(ft) Anthony Mizzi**
**ghar-Registratur .**
S7981Pc
(2800 + 262 = 3062)